# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 188/17/1 GM**

**Charles Cini**

**v.**

**Il-Prim Ministru;**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;**

**Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

1. L-attur appella mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fit-3 ta' Ottubru 2019 li ċaħdet it-talbiet tiegħu b'referenza għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu bħala għalliem minn mas-servizz pubbliku.

**Fatti.**

2. Il-fatti prinċipali li wasslu lill-attur sabiex jiftaħ il-kawża kienu:

2.1. L-attur huwa gradwat mill-Università ta' Malta bil-baċellerat fil-Kummerċ u PGCE (Post Graduate Course in Education);

2.2. Fl-1994, meta kien diġà beda l-kors għall-Postgraduate Certificate in Education[1], applika[2] għal sejħa[3] ta' għalliem tal-primarja fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni;

2.3. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni l-attur intagħżel u sar għalliem fl-iskola primarja fix-Xewkija, Għawdex[4]. Ir-rakkomandazzjoni li għamlet il-Kummissjoni skont Art. 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien li l-attur jinħatar bħala għalliem tal-primarja. Rakkomandazzjoni li ġiet approvata mill-Prim Ministru fid-29 ta' Mejju 1995 kif jirriżulta mid-dokument a fol. 306.

2.4. B'effett mid-9 ta' Jannar tal-1995 l-attur intbagħat jgħallem l-*accounts* f'livell post sekondarju fl-iskola Mikelang Refalo, Għawdex[5], u baqa' jgħallem sakemm inqalgħet il-kwistjoni;

[1] Fol. 298
[2] Fol. 230
[3] Fol. 259
[4] Fol. 306
[5] Fol. 221

2.5. L-attur applika u kiseb il-warrant ta' għalliem fl-1996[6];

2.6. Fi Frar tal-2013, id-Direttur Ġeneral tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi ressqet rapport lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta ("il-Kunsill") sabiex jinvestiga allegazzjoni ta' mġieba mhux xierqa tal-attur u nuqqasijiet tal-ħila fl-għoti tat-tagħlim;

2.7. Infetħet għalhekk inkjesta u l-attur intalab jersaq quddiem il-Kunsill. F'dawk il-proċeduri d-Dipartiment ippreżenta l-każ tiegħu u l-attur, li kien assistit, ikkontesta l-akkużi;

2.8. L-inkjesta tal-Kunsill ingħalqet b'rapport datat 22 ta' Ottubru 2015[7], fejn il-Kunsill, wara li elenka x-xhieda li nstemgħet quddiemu u għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu fir-rigward, ikkonkluda billi rrakkomanda lill-Ministru konvenut, *qua* Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, it-tħassir tal-*warrant* tal-attur bħala għalliem minħabba mġieba professjonali ħażina u inkompetenza *ai termini* tal-Artikolu 31(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni u nuqqas ta' ħila fil-prattika tal-professjoni tal-għalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni fil-prattika ta' għalliema kif maħsub mill-Artikolu 31(1)(f). Fl-istess data, dan ir-rapport intbagħat lill-Ministru konvenut a tenur tal-Artikolu

[6] Fol. 219B, 234
[7] Fol. 19

31(4)(b) tal-Kap. 327[8]. Kopja tal-istess rapport intbagħtet ukoll lill-partijiet kollha kkonċernati, inkluż lill-attur li rċevih fit-28 ta' Ottubru 2015;

2.9. Fis-6 ta' Novembru 2015 il-Ministru konvenut ikkonferma l-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet kontenuti fir-rapport tal-Kunsill billi ffirma fuq l-ewwel paġna tiegħu u fl-istess data bagħtu hekk iffirmat lill-Kunsill;

2.10. B' ittra datata 27 ta' Novembru 2015, id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ġab dan a konjizzjoni tal-Kummissjoni konvenuta u talabha sabiex filwaqt li tirrevoka l-ħatra ta' għalliem tiegħu, tappuntah fi skala 7[9];

2.11. Permezz ta' ittra datata tal-1 ta' Diċembru 2015[10] u notifikata lill-attur fil-5 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill informa lill-attur li l-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-istess Kunsill sabiex tiġi revokata l-*warrant* tiegħu ta' għalliem b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2015. Talbu għalhekk jirritorna l-*warrant* numru 5748 lill-uffiċċju tal-Kunsill;

[8] Fol. 18
[9] Fol. 253
[10] Fol. 93

2.12. Fil-frattemp fl-4 ta' Diċembru 2015 kienet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern id-deċiżjoni tal-Ministru dwar ir-revoka tal-*warrant* tal-attur[11];

2.13. Fis-16 ta' Diċembru 2015[12], il-Kummissjoni konvenuta bagħtet tgħarraf lill-attur illi wara d-deċiżjoni meħuda dwaru, kienet l-intenzjoni tagħha li tirrevoka l-ħatra tiegħu ta' għalliem fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u għall-impieg abbażi tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolamenti Ġenerali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku [L.S.Kost.01]. Infurmatu ukoll li minkejja dan, kienet l-intenzjoni tagħha li tirrakkomandah sabiex jinħatar bħala uffiċjal pubbliku fi Skala 7 u jwettaq dmirijiet li jaqblu mas-salarju tiegħu f'dak il-grad. Finalment il-Kummissjoni stiednet lill-attur iressaq fehemtu fir-rigward fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol;

2.14. B'ittra tiegħu tal-21 ta' Diċembru 2015[13], l-attur ilmenta mal-Kummissjoni dwar aġir mhux xieraq minn naħa tal-Kunsill;

2.15. Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fl-14 ta' April 2016, l-attur odjern nterpella lill-Ministru mħarrek, lill-President tal-Kunsill u lill-Avukat Ġenerali sabiex iħassru u jirrevokaw id-deċiżjoni li biha ġie ordnat it-tħassir tal-*warrant* tiegħu bin-numru 5748 u sabiex jerġgħu

---

[11] Fol. 95
[12] Fol. 114
[13] Fol. 264

jirrintegrawh fil-pussess tal-istess warrant. Pretensjoni li ġiet segwita bil-kawża numru 348/2016 MCH fl-ismijiet *Charles Cini vs il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol et* ippreżentata fis-26 ta' April 2016[14];

2.16. Fis-17 ta' Mejju, 2016, il-Kummissjoni konvenuta għarrfet lill-attur li, minn stħarriġ li għamlet, l-ilment tiegħu fil-konfront tal-Kunsill ma rriżultalhiex mistħoqq u tatu mill-ġdid l-opportunità sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol iressaq quddiemha r-rappreżentazzjonijiet tiegħu dwar dak li kienet qiegħda tirrakkomanda[15];

2.17. B'ittra datata 23 ta' Mejju 2016 l-avukat tal-attur wieġeb lill-Kummissjoni li r-rakkomandazzjoni tagħha kienet prematura billi kien hemm kawża pendenti dwar ir-revoka tal-*warrant*[16];

2.18. Il-Kummissjoni ma qablitx mal-attur u bagħtet ir-rakkomandazzjoni lill-Prim' Ministru. Madanakollu l-Public Administration HR Office (PAHRO) ma sab l-ebda post fi skala 7 u allura r-rakkomandazzjoni tagħha ma ġietx milqugħa mill-Prim Ministru[17];

[14] Fol. 10 *et seq*
[15] Fol. 115
[16] Fol. 265
[17] Fol. 255

2.19. Fis-16 ta' Awwissu 2016 il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni ġdida lill-Prim Ministru biss sabiex tiġi revokata l-ħatra ta' għalliem tal-attur. Din ġiet approvata mill-Prim Ministru fil-31 ta' Awwissu 2016[18];

2.20. B'ittra datata 26 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni konvenuta nfurmat lill-avukat tal-attur illi kienet iddeċidiet illi tipproċedi bir-revoka tal-ħatra tal-attur a tenur tal-Artikolu 23(2) tal-*Public Service Commission Regulations*[19]*.* Infurmatu wkoll li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni sabiex l-attur jinħatar bħala uffiċjal fi skala 7 ġiet miċħuda peress li l-uffiċċju tal-HR tal-amministrazzjoni pubblika ma kellux *vacancy*;

2.21. B'ittra tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol tat-28 ta' Settembru 2016[20] l-attur kien infurmat illi, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, fil-31 ta' Awwissu 2016 il-Prim Ministru kien approva r-revoka tal-ħatra tiegħu bħala għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol;

2.22. Segwiet korrispondenza li biha l-attur talab lill-Kummissjoni tirrevedi r-rakkomandazzjoni li għamlet lill-Prim Ministru. B'ittra datata

---

[18] Fol. 255
[19] Fol. 229
[20] Fol. 214

31 ta' Ottubru 2016[21] il-Kummissjoni infurmat lill-avukat tal-attur li: (i) kienet diġà tatu f'żewġ okkażjonijiet oħra r-raġunijiet għar-revoka tal-ħatra tiegħu; (ii) ir-rakkomandazzjoni li għamlet saret skont l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet tiegħu; (iii) ir-regolament 37(2) tal-Avviż Legali 333 tal-2015 jipprovdi li kull proċess ta' għażla li jkun inbeda taħt u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1960 għandu jitkompla u jintemm taħt u skont l-imsemmija dispożizzjonijiet daqs li kieku dawk id-dispożizzjonijiet ma ġewx revokati, u kull petizzjoni li toħroġ mill-proċess ta' għażla għandha tiġi kunsidrata u riżolta taħt l-imsemmija regolamenti. B'hekk, il-Kummissjoni bbażat fuq ir-regolament 23(2)(d) tar-Regolamenti tal-1960; (iv) ma kien sar l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Kunsill u li minkejja li hemm kawża oħra pendenti huwa ma jistax jeżerċita l-professjoni tiegħu mingħajr *warrant*; u li (v) kif kien diġà ġie nfurmat preċedentement, ir-rakkomandazzjoni tagħha sabiex jinħatar minflok bħala '*Officer in Scale 7'* ġiet miċħuda għaliex ma kienx hemm post fis-servizz pubbliku.

3. Fit-28 ta' Frar 2017 l-attur ippreżenta l-kawża u talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku sabiex tiġi revokata tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, kif ukoll id-deċizjoni tal-Prim Ministru tal-31 ta' Awissu 2016 li fuq tali rakkomandazzjoni jirrevoka l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-*

[21] Fol. 191

*Edukazzjoni u x-Xogħol, kif komunikati lir-rikorrent b'ittra datata 28 ta' Settembru 2016 u hawn annessa bħala Dokument 'C', kienu irraġjonevoli, ultra vires, abbuzivi, illegali, imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti, u meħuda bi ksur u vjolazzjoni tal-liġi, inkluz billi ġew applikati kontra r-rikorrent regoli li ma kienux in vigore fiz-zmien tal-istess deċizjoni u/jew li ma kienux japplikaw għar-rikorrent, u jikkostitwixxu għemil amministrattiv leziv tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew jikkostitwixxu għemil amministrattiv ultra vires, kif sejjer jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmija rakkomandazzjoni u deċizjoni, kif komunikata lir-rikorrent bl-ittra datata 28 ta' Settembru 2016 annessa bħala Dokument 'C', bħala nulla, invalida u mingħajr ebda effett fil-liġi;*

*3. Konsegwentement tħassar u tirrevoka r-rakkomandazzjoni u d-deċizjoni fuq imsemmija u tordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-ħatra tiegħu ta' għalliem fi ħdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u x-Xogħol ossija fi ħdan is-Servizz Pubbliku;*

*4. Tiddikjara li r-rikorrent sofra danni per konsegwenza tar-rakkomandazzjoni u deċizjoni fuq imsemmija;*

*5. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrent;*

*6. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrent;*

*7. Tiddikjara illi bl-imsemmija rakkomandazzjoni u deċizjoni ġew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taħt l-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew u lArtikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni meħud flimkien ma' xi wiehed jew aktar mill-Artikoli l-oħra sostantivi appena msemmija (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll talKonvenzjoni) u konsegwentement tagħtih dawk ir-rimedji opportuni u neċessarji sabiex huwa jiġi pjenament rejintegrat fid-drittijiet fondamentali tiegħu, inkluz billi tħassar u tirrevoka r-rakkomandazzjoni u deċizjoni fuq imsemmija u tillikwida kumpens u danni favur ir-rikorrent u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-hlas tal-istess;*

*8. Tagħti lir-rikorrent kull rimedju ieħor xieraq u opportun a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra uffiċjali li kopja tagħha tinsab annessa bħala Dokument 'F', u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent in konnessjoni mad-deċizjoni surreferita inkluz għal kwalsijasi danni oħra sofferti minnu naxxenti mill-fatti kif dikjarati f'dan ir-rikors ġuramentat."*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-27 ta' Marzu 2017[22], il-konvenuti sostanzjalment wieġbu illi:

4.1. B'mod preliminari:

(i) la l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u lanqas il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ma kellhom għalfejn jitħarrku;

(ii) l-azzjoni hija improponibbli għaliex ma ġiex indikat taħt liema artikolu tal-liġi saret;

(iii) billi hemm allegazzjonijiet u talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, l-allegazzjonijiet dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali jeżorbitaw mill-mertu ta' din il-kawża u l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni tagħhom;

(iv) l-azzjoni hija improponibbli għaliex dak mitlub imur kontra l-Artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni;

(v) l-attur huwa hawn prekluż milli jressaq ilmenti li diġà kellu l-opportunità jressaq quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, iżda dan m'għamlux;

[22] Fol. 104

4.2. Fil-<u>meritu</u> l-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża numru 348/2016 MCH fl-ismijiet *Charles Cini v. il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol et* ċaħdet illi teżerċita s-setgħat tagħha li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju lilha mitlub billi sabet li l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli mogħti lilu mill-liġi, u naqas li jieħdu;

6. Permezz ta' sentenza preliminari mogħtija f'din il-kawża fis-16 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-ewwel grad ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u ordnat il-prosegwiment tal-kawża <u>sa fejn din hija strettament waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju</u>.

7. Permezz ta' sentenza finali mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2019 il-Qorti tal-ewwel grad iddeċidiet il-kawża odjerna billi:

> *"(1) tilqa' in parte l-ewwel eċċezzjoni preliminari billi tillibera lill-konvenut*
>
> *Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *(2) tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari*
>
> *(3) tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu enumerati 1 sa 13 u 15 fir-Risposta Guramentata*
>
> *(4) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni fil-mertu enumerta numru 14 flistess Risposta Guramentata*
>
> *(5) tiċħad it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenuti l-oħra, bl-ispejjeż a kariku tiegħu."*

8. Fir-rikors tal-appell l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019 billi:

> *"tikkonfermaha in kwantu ċaħdet ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni fil-mertu enumerata 14 fir-risposta ġuramentata tal-intimati llum appellati, u tħassarha u tirrevokaha fil-kumplament tagħha u b' hekk tiddeċiedi billi tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati u*:
>
> *(i) tilqa' l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrent appellant;*
>
> *(ii) tilqa' t-talbiet numri 4, 5 u 6 tar-rikorrent appellant u b' hekk tgħaddi biex tillikwida hija stess id-danni hemm mitluba, jew inkella, jekk jidrilha li biex tagħti lill-partijiet il-benefiċċju tad-doppio esame dwar il-materja tad-danni għandha tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex jiġu deċiżi t-talbiet imsemmija, tipproċedi billi tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġu deċiżi t-talbiet numri 4 sa 6 tar-rikors promutur; u*
>
> *(iii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' u t-tmien talba tar-rikorrent appellant;*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

9. Il-konvenuti appellati wieġbu illi l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

10. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-attur jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u lliberat lill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol mill-osservanza tal-ġudizzju. L-attur jinsisti li l-impieg tiegħu kien fi ħdan il-Ministeru tal-imsemmi Ministru; li l-unika komunikazzjoni li rċieva dwar it-terminazzjoni tal-ħatra tiegħu kienet mill-

istess Ministeru; u li finalment huwa talab li tiġi reintegrata l-ħatra tiegħu fi ħdan dak il-Ministeru.

11. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu s-segwenti:

> ***"1) leġittimazzjoni passiva tal-Ministru tal-Edukazzjoni***
>
> *Illi d-deċiżjoni li qed tiġi mpunjata ġiet meħuda mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk il-Ministru tal-Edukazzjoni ma kellux x'jaqsam mal-istess deċiżjoni u konsegwentement ma jistax ikun leġittimu kontradittur"*

12. Id-deċiżjoni li wasslet għal din il-kawża mhijiex deċiżjoni tal-Ministru, iżda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u r-revoka tal-ħatra tal-attur bħala għalliem fis-servizz pubbliku. Deċiżjoni li ttieħdet mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Hu veru li fit-tielet talba l-attur talab lill-Qorti sabiex tordna ".... r-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-ħatra tiegħu ta' għalliem fi ħdan il-Ministreru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ossija fi ħdan is-Servizz Pubbliku".

13. Mill-fatti li ssemmew hawn fuq jirriżulta li:

i. kien id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li, b'ittra datata 27 ta' Novembru 2015, talab lill-Kummissjoni

konvenuta sabiex tirrevoka l-ħatra ta' għalliem tal-attur u tappuntah fi skala 7[23];

ii. kien l-istess Ministeru li nforma lill-attur li, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, il-Prim Ministru kien approva r-revoka tal-ħatra tiegħu bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol[24]; u

iii. finalment, permezz tat-tielet talba tiegħu l-attur illum appellant qiegħed jitlob li jiġi reintegrat fil-ħatra tiegħu ta' għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

14. Madankollu skont l-Art. 181B tal-Kap.12, il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-azzjonijiet ġudizzjarji *"... mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"*. Għalhekk il-Ministru tal-Edukazzjoni ma kellux jitħarrek bħala konvenut.

15. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

16. Permezz tat-tieni aggravju l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta applikat regolamenti li ma kinux għadhom fis-seħħ. Argumenta li l-Ewwel Qorti kkonfondiet il-proċedura dwar ir-revoka tal-*warrant* li saret fl-

[23] Fol. 253
[24] Fol. 214

2015 mal-proċedura tar-revoka tal-ħatra tiegħu bħala għalliem. Jinsisti illi jekk issemma regolament li ma kienx għadu japplika, ifisser li kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni meħuda a bażi tiegħu hi nulla.

17. L-Ewwel Qorti qalet hekk:

> ***"(4.1) li l-Kummissjoni straħet fuq regolamenti inapplikabbli***
>
> *Illi premessa ewlenija tal-ewwel talba tal-attur hi li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet konsegwenzjali applikaw regoli li ma kinux għadhom fis-seħħ. Din l-asserzjoni pero` mhix fattwalment korretta. Ir-Regolamenti l-ġodda li għalihom jirreferi l-attur ġew fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2016. Permezz ta' disposizzjoni transitorja, proċeduri li nbdew qabel u li kienu għadhom pendenti f'dik id-data kellhom jiġu riżolti skont ir-regolamenti l-antiki. Ir-rikjesta għar-revoka in kwistjoni saret fil-2015 u għalhekk m'hemmx dubbju li r-regolamenti tal-1960 baqgħu applikabbli għaliha. Dan apparti li d-diċitura tar-regolamenti l-ġodda hija sostanzjalment l-istess. Għalhekk il-konvenuti ċertament li mxew tal-inqas skont il-liġi (rite)"*

18. B'ittra tas-27 ta' Novembru 2015 id-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol talab lill-Kummissjoni konvenuta sabiex tirrevoka l-ħatra ta' għalliem tal-attur[25]. Hu wkoll fatt li l-ewwel ittra li l-Kummissjoni konvenuta bagħtet lill-attur f'dan ir-rigward għandha d-data tas-16 ta' Diċembru 2015[26].

19. Kif diġà ngħad fir-rassenja tal-fatti, b'dik l-ittra l-Kummissjoni konvenuta għarrfet lill-attur illi minħabba li tħassret il-warrant tiegħu ta' għalliem, kienet l-intenzjoni tagħha li tħassar il-ħatra tiegħu ta' għalliem fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u

[25] Fol. 253
[26] Fol. 114

għall-impieg abbażi tar-regolament 23(2)(d) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[27] li kien japplika dak iż-żmien. Għarrfitu wkoll li kienet l-intenzjoni tagħha li tirrakkomanda li jinħatar bħala uffiċjal pubbliku fi Skala 7 u jwettaq dmirijiet li jaqblu mas-salarju tiegħu f'dak il-grad. Tatu wkoll l-opportunità li jagħti l-kummenti tiegħu fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol.

20. M'hemmx dubju li l-attur irċieva dik l-ittra ftit ġranet wara billi wieġeb għaliha fil-21 ta' Diċembru 2015[28].

21. L-avviż ingħata lill-attur fi żmien meta kienu japplikaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-1960.

22. Hu fatt ukoll li b'ittra datata 28 ta' Settembru 2016 iffirmata mid-direttur tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-attur kien infurmat li l-Prim Ministru kien approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku sabiex *"..... your appointment as Teacher at the Ministry for Education and Employment be revoked in accordance with regulation 23(2)(d) of the PSC Regulations, 1960"*.

---

[27] *"23. (2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'dawn ir-regolamenti jew xi regolamenti oħra magħmula taħt l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda r-revoka ta' ħatra magħmula skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jekk –*
*(d) il-persuna maħtura mhix, jew m'għadhiex aktar, permessa bil-liġi li twettaq id-dmirijiet tal-kariga tagħha, jew m'għadx għandha l-kwalifiki li kienu jikkostitwixxu r-rekwiżiti tal-eliġibilita' għall-kariga ..."*
[28] Fol. 264

23. L-istess f'ittra datata 26 ta' Settembru 2016 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku infurmat lill-avukat li kien qiegħed jassisti lill-attur, bi tweġiba għall-ittra tat-23 ta' Mejju 2016, li *".... the Commission agreed to proceed with the revocation of Mr Cini's appointment in terms of Regulation 23(2) of the Public Service Commission Regulations"*.

24. Fl-1 ta' Frar, 2016 daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 333 tal-2015 (L.S. Kost.05), *Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet*. Regolament 37 jipprovdi li tħassru r-Regolamenti tal-1960, u fiha dispożizzjoni tranżitorja u tipprovdi:

> *"(2) Kull proċess ta' għażla li jkun inbeda taħt u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1960 għandu jitkompla u jintemm taħt u skont l-imsemmija dispożizzjonijiet daqs li kieku dawk id-dispożizzjonijiet ma ġewx revokati, u kull petizzjoni li toħroġ mill-proċess ta' għażla għandha tiġi kunsidrata u riżolta taħt l-imsemmija regolamenti."*

25. Il-każ in kwistjoni m'għandux x'jaqsam ma' proċess ta' għażla. Madankollu regolament 32(1) tar-regolamenti li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2016 (Avviż Legali 333 tal-2015) jipprovdi:

> *"32.(1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'dawn ir-regolamenti jew kull regolament ieħor magħmul taħt l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrakommanda r-revoka ta' ħatra magħmula taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jekk –*
>
> *(d) il-persuna maħtura mhijiex, jew ma għadhiex, permessa bil-liġi li twettaq id-dmirijiet tal-post tagħha jew m'għadhiex kwalifikata skont ir-rekwiżiti ta' eliġibilità tal-post vakanti ..."*[29]

---

29 *"Bl-Ingliż: (d)the appointee is not, or is no longer, permitted by law to carry out the duties of his post, or no longer holds a qualification which constituted an eligibility requirement for the post"*.

26. Għalhekk tista' tgħid li r-regolament il-ġdid baqa' bħar-regolament 23(2)(d) tar-regolamenti tal-1960. Fir-regolamenti l-ġodda l-Kummissjoni xorta għandha l-awtorità li tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra ta' persuna li ma baqgħetx tiddetjeni l-kwalifiki li kienu jikkostitwixxu r-rekwiżiti tal-eliġibilità għall-kariga.

27. Għalhekk meta l-Kummissjoni bagħtet l-ittra tas-16 ta' Diċembru 2015 kellha l-awtorità tibda l-proċess sabiex titħassar il-ħatra tal-attur bħala għalliem taħt ir-regolamenti tal-1960. L-istess awtorità li għandha taħt l-Avviż Legali 333 tal-2015 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2016. Taħt iż-żewġ regolamenti l-Kummissjoni qabel tagħmel ir-rakkomandazzjoni, għandha tagħti l-jedd lill-persuna sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu (ara regolament 23(2) tal-1960 u regolament 32(2) tal-L.S. Kost. 05).

28. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni aggravju.

29. It-<u>tielet aggravju</u> jitratta dwar il-meritu. L-attur jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti:

> *"3... għażlet li ma tindagax jekk effettivament setgħetx tiġi tterminata l-ħatra tal-appellant bħala għalliem, u jekk l-appellant setax effettivament jiġi mkeċċi minn xogħlu meta huwa seta' bil-liġi jkompli jgħallem fi skola post-sekondarja anke mingħajr warrant, u dan billi qieset illi b'dak l-eżerċizzju hija tkun qed tmur lil hinn mill-poteri tagħha f'kawża li l-Qorti qieset bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar għemil amministrattiv".*

30. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu s-segwenti:

> ***"(4.2) it-tkeċċija hi bbażata fuq it-tneħħija tal-warrant; dan iżda mhux meħtieġ għal min jgħallem fi skola post-sekondarja bħall-attur***
>
> *Illi l-attur isostni li huwa għalliem fi skola post-sekondarja li ma tirrikjedix li jippossjedi l-warrant ta' għalliem. Dan il-fatt mhux ikkontestat mill-konvenuti. L-attur isostni li ġaladarba għandu l-kwalifiċi akkademiċi meħtieġa, meta l-Kummissjoni straħet fuq il-fatt tat-tneħħija tal-warrant, hija kienet qiegħdha tibbaża r-rakkomandazzjoni tagħha fuq kunsiderazzjoni għal kollox irrelevanti.*
>
> *Illi b'danakollu, kif sewwa jissottomettu l-konvenuti, il-warrant kien rekwiżit essenzjali tas-sejħa għall-applikazzjonijiet tad-29 ta' Marzu 1994. Kull min kien hekk ingaġġat, għamel dan soġġett għall-kundizzjoni li "jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tas-servizz pubbliku". Il-konvenuti jkomplu jargumentaw li l-fatt li l-attur intbagħat jgħallem fi skola post-sekondarja huwa irrilevanti għaliex ma jbiddel xejn mill-obbligu tal-attur li jkun fil-pussess ta' warrant permanenti ta' għalliem. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dan is-silloġiżmu. Iżda dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti, f'din it-tip ta' proċedura u ċjoe` dik ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv u b'mod partikolari ta' tribunal imwaqqaf mill-Kostituzzjoni nnifisha, tissostitwixxi l-fehma tagħha għal dik milħuqa, tajjeb jew ħażin, mit-tribunal ikkonċernat. Fi kliem Lord Hailsam LC, "two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable". U fi kliem H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, "The Court must therefore resist the temptation to draw the bounds too tightly, merely according to its own opinion". Din il-Qorti għalhekk ma tistax tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni dwar isServizz Pubbliku, b'mod li tinterpreta hi l-klawżoli rilevanti tal-kuntratt talingaġġ tal-attur – bħalma tkun intitolata, anzi, obbligata, tagħmel fil-każ ta' nterpretazzjoni ta' kuntratt bejn żewġ partijiet privati, jew saħansitra anke bejn parti privata u l-Gvern jew awtorita' pubblika oħra, kemm-il darba l-kawża tkun waħda "ordinarja" u mhux waħda "straordinarja" taħt l-Artiklu 469A tal-Kap 12. L-interpretazzjoni tal-kuntratt u l-konsegwenzi tiegħu jaqgħu fid-dominju tal-Kummissjoni. Li trid tara l-Qorti hu jekk il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha – podesta` mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni, marritx ultra vires fis-sens wiesa tal-kelma għaliex xogħol din il-Qorti f'każijiet bħal dawn mhux li timmiskja ruħha fil-mertu tad-deċiżjoni "amministrattiva" imma li taċċerta ruħha li l-awtoritajiet pubbliċi ma jiskonfinawx mill-parametri tas-setgħat mogħtija lilhom mil-leġislatur. Jingħad li l-Qorti trid tara jekk ikunux aġixxew mhux biss "rite" (skont l-ittra tal-liġi) imma wkoll "recte", li jfisser li fid-*

*deċiżjonijiet tagħhom dawn iridu jimxu skont l-intenzjoni tal-leġislatur li ma jista' ikun qatt preżunt li ried li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati għal kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti għall-iskop tal-liġi inkella li ma jkunux raġonevoli. Imma f'dan il-kuntest, sabiex deċiżjoni tista' titqies "irraġonevoli" trid tkun "so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority". Qagħda li ma tistax tiġi attribwita lill-Kummissjoni fil-deċiżjoni li ħadet f'dan il-każ."*

31. L-attur jilmenta li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għar-revoka tal-ħatra tiegħu bħala għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, u d-deċiżjoni tal-Prim Ministru tal-31 ta' Awwissu 2016 kienu rraġonevoli, *ultra vires*, abbużivi, illegali, bażati fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u meħuda bi ksur u vjolazzjoni tal-liġi.

32. L-attur kien ingaġġat fis-servizz pubbliku wara li applika għal sejħa speċifika[30] fejn fl-applikazzjoni ta l-preferenza tiegħu sabiex jgħallem '*primary education'.* Waħda mill-kundizzjonijiet kienet (skont is-sejħa pubblikata fil-gazzetta tal-gvern tad-29 ta' Marzu 1994) li l-applikant:

"*(d) Jew*

*(i) Ikollhom Teacher's Warrant permanenti jew jikkwalifika għalih skont l-artikolu 9(2) tal-Att XXIV tal-1988 (Min japplika taħt it-tieni kondizzjoni għandu jippreżenta dikjarazzjoni mir-Records Section tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li turi li l-applikant jikkwalifika għal Teacher's Warrant permanenti).*

*JEW*

(ii) *Ikunu studenti li fl-1993/94 qegħdin jattendu l-Universita' ta' Malta u waslu fl-aħħar sena tal-kors B.Ed. (Hons) jew qegħdin jattendu l-kors li jwassal għaċ-Ċertifikat Postgraduate fl-Edukazzjoni"*.

[30] Fol. 230, 259

33. Fl-applikazzjoni datata 20 ta' April, 1994 l-attur iddikjara li kien iggradwa Bachelor of Commerce fid-9 ta' Novembru 1993 u f'Ottubru 1993 kien beda l-kors għaċ-Ċertifikat Postgraduate fl-Edukazzjoni. Skont il-kundizzjonijiet dawk li jinħatru mingħajr *warrant* permanenti, ikunu intitolati għall-*warrant* temporanja malli jaċċettaw il-ħatra. B'dan li, *"6.1.1..... Il-konferma tal-ħatra fit-tmiem tal-perjodu ta' prova ta' sena ma tingħatax jekk il-maħtur/a ma jkunx ġab permanent warrant"*. Evidenti għalhekk li l-ingaġġ bħala għalliem kienet teħtieġ li l-applikant ikollu *warrant* permanenti ta' għalliem jew jikkwalifika għaliha, jew għall-applikant li għadu jistudja jġib *permanent warrant* sat-tmiem tal-perjodu ta' prova ta' sena. Għalhekk il-warrant kienet kondizzjoni essenzjali.

34. Il-Qorti tistqarr li hi perplessa kif f'April 1994 l-attur applika biex jgħallem fil-primarja u b'effett mid-9 ta' Jannar 1995 sab ruħu trasferit mill-iskola tal-primarja fix-Xewkija għall-iskola post sekondarja Sir Mikielang Refalo jgħallem l-Accounts lill-istudenti li jkunu ser jagħmlu l-A Level. Dan iktar u iktar meta fil-25 ta' Mejju 1995 il-Prim Ministru kien approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni sabiex l-attur jinħatar bħala għalliem fil-primarja. Dan apparti l-fatt li l-vaganzi għal għalliema kienu biss fi skejjel tal-primarja u f'suġġetti f'setturi ta' skejjel sekondarji/tekniċi (ara l-avviż tal-gazzetta tal-gvern pubblikat fid-29 ta' Marzu 1994, b'referenza għal liema l-attur applika għall-post ta' għalliem fl-iskola primarja).

35. Il-fatt li ntqal li l-*warrant* ta' għalliem ma kinitx meħtieġa fl-iskola Sir Mikielang Refalo, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-ingaġġ tiegħu mas-servizz pubbliku bħala għalliem kien marbut mal-kundizzjoni ta' *warrant* permanenti ta' għalliem.

36. Hu veru li tressqu provi li fi skola post-sekondarja ma kienx meħtieġ warrant ta' għalliem, u ma jidhirx li l-konvenuti kkonstestaw dak il-fatt. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li xehdu Marco Bonnici (President tal-Malta Union of Teachers); Franklin Barbara (għamel żmien segretarju ġenerali tal-MUT u kien qiegħed jassisti lill-attur fl-inkjesta li saret mill-Kunsill u wkoll fil-proċess quddiem il-Kummissjoni); u Mary Scicluna (Direttur tar-Riżorsi Umani fil-Ministeru tal-Edukazzjoni). L-attur ippreżenta wkoll tweġiba għall-mistqosija parlamentari li ngħatat fis-6 ta' Marzu 2018 fejn il-Ministru tal-Edukazzjoni qal li skont l-Att dwar l-Edukazzjoni:

> *"il-ħtieġa ta' warrant tapplika biss għal min qiegħed jgħallem lill-istudenti fl-eta' tal-edukazzjoni obbligatorja. Għaldaqstant, il-liġi ma tobbligax li għaliex fi skejjel post-sekondarji bħal Junior College u lecturing staff f'istituzzjonijiet edukattivi ogħla bħal l-Universita' u l-MCAST, għandhom ikunu fil-pussess ta' warrant ta' Għalliem"*.

Ħadd mix-xhieda m'għamel referenza għal xi dispożizzjoni f'dan is-sens fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327). Dik il-liġi tistipula f'Art. 24(1):

> *" Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, ebda persuna ma għandha tipprattika l-professjoni ta' għalliem għal rimunerazzjon jew turi ruħha li tkun professjonalment kwalifikata biex hekk tagħmel kemm-il darba ma tkunx id-detentur ta' warrant maħruġ taħt dan l-Att"*.

37. Imbagħad f'Art. 23 hemm definizzjoni ta' għalliem u li d-definizzjoni ma tinkludix:

*"Iżda, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, u sakemm mhux provdut xort'oħra f'xi liġi oħra, "għalliem" ma tinkludix Kindergarten jew Learning Support Assistant, għalliem fi skola għat-tagħlim ta' lingwa bħala lingwa barranijia, jew persuna li tagħti servizz ta' tagħlim f'oqsma kulturali, sportivi, u reliġjużi, sakemm dan it-tagħlim ma jkunx qed jingħata bħala parti integrali mill-edukazzjoni obbligatorja skont il-kurrikulu fi skola liċenzjata".*

38. Lill-Qorti ma jirriżultalhiex li d-definizzjoni ta' għalliem tagħmel xi distinzjoni bejn għalliem fil-primarja, sekondarja u post-sekondarja.

39. Madankollu ladarba l-*warrant* tal-attur tħassret mill-Ministru tal-Edukazzjoni u l-*warrant* kienet waħda mill-kundizzjonijiet għall-ingaġġ bħala għalliem, il-Kummissjoni setgħet tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru biex tħassar l-ħatra tiegħu bħala għalliem.

40. Għalhekk ma jistax jingħad li t-terminazzjoni ta' ħatra tal-attur bħala għalliem kienet irraġonevoli jew intiża sabiex tagħmillu ħsara, irrispettivament mill-fatt li kien hemm pendenti l-kawża numru 348/2016 deċiża wkoll illum. Saħansitra, il-Kummissjoni oriġinarjament irrakkomandat li l-attur jinżamm fis-Servizz Pubbliku bħala *officer in scale* 7, iżda dan ma kienx possibbli għaliex il-PAHRO wieġbet li ma kienx hemm *vacancy* f'dik l-iskala.

41. L-attur lanqas ma għandu raġun jallega nuqqas ta' proporzjonalità fl-użu tad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni abbażi tal-fatt li huwa għamel ftit

iktar minn 20 sena jaħdem bħala għalliem fi skola post sekondarja fejn intqal li *warrant* ma kienx meħtieġ. Is-snin li huwa għallem f'dik l-istituzzjoni ma jtuħx xi dritt li jkompli jgħallem f'dik l-iskola iktar u iktar meta tikkunsidra li l-*warrant* ta' għalliem tħassret minħabba dak li rriżulta fl-inkjesta, ċjoè nuqqas ta' ħila fl-eżerċizzju tal-professjoni ta' għalliem tal-*accounts*.

42. Għalhekk tiċħad it-tielet aggravju.

43. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu l-appellant jikkontendi ukoll li l-Ewwel Qorti applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 32(2) tal-Kap. 327.

44. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu s-segwenti:

> ***"(4.3) Il-kawża dwar it-tneħħija tal-warrant għadha sub judice***
>
> *L-attur jippremetti li l-kawża dwar il-warrant għadha m'għaddietx in ġudikat u allura l-azzjoni tal-konvenuti kienet intempestiva. Din il-premessa hija legalment infondata. Artiklu 32(2) tal-Kap 327 jistipula li minkejja li jiġi ppreżentat appell minn deċiżjoni fuq teħid ta' warrant, il-warrant jibqa' sospiż jew ikkanċellat anke fil-pendenza tal-appell.*
>
> *Illi kif sewwa jirrilevaw il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-attur għażel minn jeddu li ma jappellax quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jattakka t-teħid tal-warrant. Għalkemm fl-avvidavit tiegħu jallega li ma setax jappella billi kien għadda t-terminu meta ġie mgħarraf bid-deċiżjoni, dan mhux minnu għax it-terminu jibda jgħaddi biss minn meta ġie notifikat l-attur. Għalhekk l-attur intavola kawża "ad hoc" quddiem din il-Qorti minflok ai termini tal-Art. 32(2) tal-Kap 327 kapriċċ tiegħu u mhux għaliex m'hemmx is-salvagwardi meħtieġa quddiem tali Tribunal biex jingħata rimedju. Kjarament l-attur qiegħed jabbuża mill-proċeduri ġudizzjarji"*

45. L-artikolu in kwistjoni jipprovdi hekk:

*"(2) Għalkemm ikun sar appell skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-warrant jitqies sospiż jew imħassar, skont il-każ, pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu."*

46. L-attur argumenta li dik id-dispożizzjoni tirreferi biss għall-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Jgħid iżda li l-kawża 348/2016 hi kawża *ad hoc*. Għalhekk kellha tqis dak l-artikolu inapplikabbli u li b'dik il-kawża it-tneħħija tal-*warrant* mhux effettiva. Jilmenta li l-Qorti tal-ewwel grad addirittura ppronunzjat ruħha fuq il-mertu tal-kawża 348/2016 li hija pendenti fl-appell.

47. Il-*warrant* tal-attur tħassret u m'appellax skont il-proċedura li hemm fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327). Minflok ippreżenta l-kawża 348/2016 deċiża llum ukoll.

48. Mid-deċiżjoni li biha tħassret il-*warrant* tal-attur ma sarx appell skont il-liġi, u għalhekk il-Kummissjoni kellha jedd tipproċedi bir-rakkomandazzjoni. Il-kawża li l-attur fetaħ (348/2016) ma wasslitx għas-sospensjoni tad-deċiżjoni li ħa l-Ministru tal-Edukazzjoni. Effettivament ukoll kieku sar appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, skont Art. 32(2) il-*warrant* xorta titqies li tħassret.

49. F'kull każ, l-appell fil-kawża 348/2016 ġie deċiż illum u miċħud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet konfermata. Għalhekk l-argument tal-attur li kien hemm il-kawża 348/2016 pendenti meta l-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru, ma tista' sservi ta' ebda vantaġġ għalih.

50. Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' aggravju.

51. Permezz tal-ħames aggravju l-attur isostni illi s-sentenza appellata naqset li tqis il-fatturi rilevanti għall-ilment tiegħu, ossija jekk ir-rakkomandazzjoni u d-deċiżjoni attakkata effettivament itteħdux bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Jinsisti li mhux biżżejjed li persuna tingħata ċans tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub quddiem il-Kummissjoni. Jilmenta li huwa qatt ma ġie notifikat bir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni qabel il-Prim Ministru għadda għad-deċiżjoni tiegħu u għalhekk ma setax jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Prim Ministru. Jgħid li lanqas id-deċiżjoni tal-Prim Minsitru ma ġiet notifikata lilu. Dan apparti l-fatt li huwa qatt ma ngħata l-opportunità jkun preżenti u jagħti x-xhieda tiegħu fl-ebda stadju.

52. Il-Qorti tal-ewwel grad iddeċidiet hekk:

> ***"(4.4) l-attur ma ngħatax l-opportunita` li jiddefendi ruħu u għalhekk hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali***
>
> *Illi din il-premessa hi manifestament żbaljata jekk mhux ukoll frivola. Kif jidher mill-espozizzjoni tal-fatti iktar 'il fuq f'din is-sentenza, f'kull*

> *stadju l-attur ingħata l-opportunita` li jiddefendi ruħu, u fil-fatt hekk għamel tramite l-avukati tiegħu. F'okkażjoni minnhom saħansitra ngħata terminu ieħor flimkien ma' dak mogħti mil-liġi biex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu"*

53. Hu fatt li l-Kummissjoni nfurmat lill-attur li, in vista tar-revoka tal-*warrant* tiegħu, hija kienet bi ħsiebha tirrakkomanda r-revoka tal-ħatra tiegħu bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol[31]. Fatt ukoll illi huwa ngħata ħamest ijiem biex iressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Iżda b'ittra tal-21 ta' Diċembru 2015[32] huwa rrifjuta li jagħmel dan għaliex insista li kien għadu ma rċeviex id-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar ir-revoka tal-*warrant* tiegħu, u kien għadu ma eżawriex ir-rimedji li tagħtih il-liġi biex jikkontesta d-deċiżjoni tal-Ministru. Għalhekk talab li f'dak l-istadju l-Kummissjoni twaqqaf il-proċess sakemm ikun eżawrixxa r-rimedji skont il-liġi.

54. Dan minkejja li tali deċiżjoni, mhux talli kienet ġiet komunikata lilu mill-Ministeru kkonċernat u mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta, talli kienet ukoll ġiet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Diċembru 2015[33]. Deċiżjoni li addottat ir-rakkomandazzjoni li saret fir-rapport li għamel il-Kunsill (22 ta' Ottubru 2015) notifikat lill-attur. Rapport li sar wara inkjesta li fiha pparteċipa u kien ukoll assistit. Ċirkostanzi differenti minn dawk tal-każ <u>Grace Sacco v. Onorevoli Prim Ministru et</u>

[31] Fol. 114
[32] Fol. 264
[33] Fol. 95

(sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-17 ta' Settembru 2013) li għalih irrefera l-attur.

55. Il-Kummissjoni appellata bagħtet ittra oħra lill-attur[34] bid-data tas-17 ta' Mejju 2016, u reġgħet qaltlu sabiex fi żmien ħamest ijiem jibgħat is-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-intenzjoni tagħha li tirrakkomanda r-revoka tal-ħatra tiegħu bħala għalliem fis-servizz pubbliku. Fit-tweġiba tiegħu tat-23 ta' Mejju 2016[35] l-attur baqa' jinsisti fuq il-pożizzjoni tiegħu u ppretenda li l-Kummissjoni ma tmexxix sakemm tiġi deċiża l-kawża 348/2016 MCH. Il-pożizzjoni li ħa l-attur kienet li peress li l-validità tad-deċiżjoni tal-Ministru kienet qiegħda tiġi kkontestata, ma setax jingħad li f'dak l-istadju skont il-liġi l-attur ma setax ikompli jaħdem bħala għalliem.

56. Il-pożizzjoni li ħa l-attur kienet ċara. Evidenti li ma riedx li l-proċess quddiem il-Kummissjoni jkompli minħabba l-kawża li fil-frattemp kien fetaħ. Però f'dak l-istadju ma kien hemm xejn li legalment kien iżomm lill-Kummissjoni milli tipproċedi bir-rakkomandazzjoni ġialadarba ma kinitx marbuta li tistenna l-eżitu tal-kawża li fetaħ l-attur (rikors 348/2016).

57. Li l-attur jgħid li ma kienx jaf li ser jitkeċċa mix-xogħol m'għandux mis-sewwa. Il-Kummissjoni għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara fl-ittri li bagħtet lill-attur. Madankollu, hu baqa' jinsisti li l-proċess kellu jieqaf. L-

[34] Fol. 115
[35] Fol. 265

istess fejn l-esponent qal li d-deċiżjoni ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi. Ċertament li maltemp kien hemm għaliex id-deċiżjoni li titħassar il-*warrant* ittieħdet mill-Ministru fis-sena 2015, u l-attur kien jaf li m'appellax minn dik id-deċiżjoni u x'kienet l-intenzjoni tal-Kummissjoni.

58. Hu minnu li l-attur ma ġiex imsejjaħ biex jidher quddiem il-Kummissjoni. Madankollu, kien l-attur li għażel li ma jagħmilx sottomissjonijet fil-meritu għaliex ippretenda li l-Kummissjoni twaqqaf il-proċess. Ma jirriżultax li l-attur kien qatt dispost li jagħmel l-argumenti fil-meritu ġialadarba kien fetaħ il-kawża 348/2016. Li mbagħad jgħid li ma jafx x'wassal lill-Prim Ministru biex jiddeċiedi li jitterminalu l-ħatra ta' għalliem, hu 'l bogħod mill-verità. L-ittra tat-28 ta' Settembru 2016 iffirmata mid-Direttur tar-Riżorsi Umani fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol hi ċara, fis-sens li l-Prim Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u fil-31 ta' Awwissu 2016 approva li l-ħatra tal-attur bħala għalliem fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol tkun revokata. Kif jirriżulta mill-korrispendenza stess tal-Kummissjoni dan kien minħabba li tħassret il-*warrant* ta' għalliem li kellu l-attur.

59. Għaldaqstant, tiċħad ukoll il-ħames aggravju.

60. Fis-sitt aggravju l-attur argumenta illi f'każ li jingħata raġun, intitolat għad-danni kif spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet. Madankollu l-aggravju fil-meritu ġie miċħud.

61. Għaldaqstant, tiċħad is-sitt aggravju.

62. Is-seba' u l-aħħar aggravju tal-attur huwa dwar il-fatt li fil-parti dispożittiva tas-sentenza, il-Qorti tal-ewwel grad ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu, inkluż is-seba' u tmien talbiet. Dawk jirreferu għall-ilment tal-attur li bir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u deċiżjoni tal-Prim Ministru inkisru l-jedd fundamentali tal-attur protetti taħt l-Artikoli 37 u 46 tal-Kostituzzjoni u, Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u Artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni. L-attur isostni li jekk il-Qorti ma riditx tistħarreġ dawk it-talbiet minħabba s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2018, kellha ma tqishomx u mhux tiċħad is-seba' u tmien talbiet.

63. B'sentenza li ngħatat fis-16 ta' Jannar 2018 l-Ewwel Qorti ddeċidiet li, *".... din il-Qorti m'għandhiex tigi mwaqfa milli tkompli bis-smigħ tal-kawża sa fejn din hija strettament waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju"* u ċaħdet it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u ordnat li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

64. Il-konvenuti jargumentaw li peress illi bis-sentenza tas-16 ta' Jannar 2018 l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-kawża għandha titkompla '*safejn din hija strettament waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju',* fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma kellhiex għażla ħlief li tiċħad it-talbiet tal-attur *in toto.*

65. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur. Għal dak li jirrigwarda l-motivazzjoni, mis-sentenza ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti għamlet kunsiderazzjonijiet b'referenza għas-seba' u tmien talbiet, li jikkonċerna allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali. Saħansitra fl-aħħar parti tas-sentenza appellata jingħad hekk:

> *"(4.5) L-attur ġie ddiskriminat*
>
> *L-attur isostni li ġie trattat differenti minn għalliema oħra li jokkupaw kariga mingħajr ma għandhom warrant. Dan jagħmlu a tenur tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni ta' din il-premessa in kwantu skont is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti diversament ippreseduta l-azzjoni hija limitata għal waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju"*.

66. Għalhekk l-attur għandu raġun jilmenta.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attur biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassar dik il-parti li ċaħdet is-seba' u tmien talbiet u minflok tiddikjara li minħabba s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2018 mhux ser tqishom. Għall-kumplament tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 15% a karigu tal-konvenuti u 85% a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da